VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

Il-Ħamis 9 ta' Lulju 2020

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fis-Sala Tal-Kunsill fis-14.00hrs.

**PREŻENTI:**

Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Lian Pace – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 116A (16):**
NIL

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

16.1.1 NIL
16.1.2

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Il-Kunsill Approva il-Minuti tal-Laqgħa 15 li saret nhar il- 5 ta' Ġunju 2020.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li xtara salib min għand Mario Cassar biex jitpoġġa fis-Sala tal-Kunsill.

16.3.2 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li persuna li għandu marda terminali saritlu reserved temporanja . Din saret ħdejn l-Osborne Hotel fi Triq Mikiel Anton Vassalli. L-Kunsill qabel dwar dan.

16.3.3 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li kif diġà l-Kunsill nfurmat, id-daħla tal-parking ta' hastings ser iddur u l-ħruġ ser isir min South Street. Dan ġie approvat min Transport Malta.

16.3.4 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-proġett li kien mħejji mis-Sindku Prof. Alexiei Dingli tal-bandli ta' quddiem l-Mużew tal-Gwerra ser jerġa jiġi mpoġġi fuq il-mejda biex il-kunsill jipprova jsib fondi biex isir dan il-proġett. Il-Permessi kollha tal-PA huma f'idejn il-Kunsill Lokali.

16.3.5 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li sena dieħla d-Dumnikani ser jiċċelbraw iċ-ċentinarju u qed jipproponi li ssir Pjazzetta li tissemma San Domenico. Għandu jsir bust u fil-pjazzetta jitqegħdu bankijiet. Il-Kunsill qabel dwar dan

16.3.6 Is-Sindku Alfred Zammit nforma dwar il-proġett ta' Pjazza Dun Mikiel Xerri li ser issir pedonali. Il-Kunsill qabel li dan kien diġà ġiet diskuss f'kunsill preċendenti. Kien miftiehem ukoll li mal-ġenb ta triq il-Punent isir parkeġġ għar-residenti biex jittaffa ftit mil-problemi li għandhom residenti.

16.3.7 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li għandha terġa tinforma lil Transport Malta dwar il-possibilta' li ring road tal-  Belt issir one way biex jitnaqssu l-emmissjonijiet.

16.3.8 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li għandha terġa tiskussa ma' Transport Malta l-possibilita' li żona tal-Flores Buildings isiru parkeġġi ħodor għar-residenti. Kif ukoll il-possibilita' li l-parkings blue li hawn fil-Belt jitneħħew u jsiru jew ħodor jew bojod.

16.3.9 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li saret laqgħa flimkien ma Sur Gauci sidien ta' l-Embassy. Dan biex jinħafru l-ammont li hu dovut lil kunsill minħabba spejjes li għandhom. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan.

16.3.10 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li Segretarju Ezekuttiv kienet qegħda tistenna konferma m'għand l-enemalta with tintbagħat il-Planning Authority għall-approvazzjoni.

16.3.11 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li saret laqgħa mac-Ċhief of Staff tal-Ministru tal-Finanzi biex jiżdiedu fondi lill-Kunsill Lokali Valletta.

16.3.12 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li saret laqgħa mal-Perm Sec Sur Anthony Gatt dwar problemi ta' dawl u ilma gol-Belt.

16.3.13 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-Filming ta' Jurassic World ser isir bejn l- 10 ta' Awwissu u 17 ta' Settembru 2020.

16.3.14 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li saret laqgħa mal-Ministru Jose Herrera dwar is-sitwazzjoni tal-Carpark minħabba l-fatt li l-kunsill għadu bla risposta.

16.3.15 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li wara li kellu laqgħa ma' Transport Malta dwar il-fatt li Triq il-Merkanti bejn San Kristofru u l-Arċisqof ser issir pedonali.

16.3.16 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li żjara tal-President ser issir nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2020.

16.3.17 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-Kommunita' Karmelitana bgħatet talba għal għajnuna ta' 1,000euro. Is-Sindku nforma li sab sponsor m' għand Sur Victor Spiteri.

16.3.18 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-Festa ta' San Duminku ser issir nhar 8 ta' Awwissu. Tqassmu l-inviti li rċieva l-Kunsill kemm tal-King's Own kif ukoll tal-Pontifikal.

16.3.19 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-kumpanija SAC Ltd. Bgħatet proposta u l-Kunsililer Vince Fabri u Lian Pace ser jagħmlu laqgħa biex jiddiskutu x' jista jsir.

## 16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

16.4.1 Il-Kunsillier Vincent Fabri nforma li Peacock Garden għandu jissemma Ġnien Santu Wistin. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

16.4.2 Il-Minority Leader nforma li l-Kunsill għandu jibqa jinsisti li l-Warden jiġu responsabilita tal-Kunsill minħabba l-fatt li l-Kunsill mhux qed jinqeda sew.

16.4.3 Il-Kunsillier Mark Spiteri Lucas nforma li kien sar ftehim biex il-quddiem residenti li joqgħodu viċin ħwienet għandhom isirilhom double glazing u sa issa ma sar xejn. Is-Sindku nforma li dan kien ftehim li kien qed jiġi diskuss ma' Ministru preċedenti u għalhekk iridu jergħu jibdew diskussjonijiet.

16.4.4 Il-Kunsillier Vince Fabri staqsa jekk Carmelite Lane mhux ser issir. Segretarju nforma li iva din ser issir mil-GHRC.

16.4.5 Il-Minority Leader nforma dwar il-5K RUN.

16.4.6 IL-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li Triq il-Lanċa ser issir min Infrastructure Malta.

16.4.7 Il-Kunsillier Vince Fabri tkellem dwar il-possibilita' li ssir laqgħa mal-bars u restaurants li qed jagħmlu l-entertainment fil-għaxija.

16.4.8 Il-Minority Leader Christian Micallef nforma dwar il-kwistjoni tat-tneħħija tal-parkeġġ fi Triq il-Merkanti, li hu kien qed jitlob sabiex il-Kunsill Lokali jesiġi li biex dawn il-parkeġġi li jitneħħew ikun hemm parkeġġi alternattivi ġodda u oħra fil-viċin u dan sabiex ir-residenti li jagħmlu użu minn dawn il-parkeġġi ma jkunux affetwati.

16.4.9 IL-Minority Leader Christian Micallef issuġerixxa sabiex il-Kunsill Lokali jikkomunika ma' Angelo Xuereb ta' AX Group biex dan jgħin lill-komunitá Dumnikana b'fondi jew xogħol ta' CSR, la darba dan illum għandu n-negozji tiegħi fiż-żona tal-Parroċċa. B'dan il-mod, iż-żewġ partijiet ikunu qed jerqsu aktar viċin xulxin u tkompli tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' bejnithom. Dan nforma ukoll li meta kien Sindku huwa kien diġà beda tiskussjoni miegħu biex issir donazzjoni lill-Kappillan Fr Michael.

## 16.5 Rapporti

16.5.1 Nil

## 16.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

16.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat dwar l-app il-gdida li l-Kunsill ser jadotta. Il-Kunsill qabel li għandha tibda tifformula u għandu jsir eżerċizzju biex jinġiebu fondi biex titħallas din l-app tant bżonjuża. Il-Kunsill qabel dwar dan.

16.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li ntbgħatet email m'għand Malta Spurs biex tibda ssir tombla nhar ta Hamis u nhar ta Ħadd. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan.

## 16.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 16.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 16.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ta' Gunju 2020

Il-Kunsill aġġorna għal-Erbgħa 19 ta' Awwissu 2020 2.00pm

IFFIRMATA IFFIRMATA

Alfred Zammit
Sindku

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv